



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13819/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0337(BUD)

FIN 1112

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u Spanja wara diżastri naturali li seħħew f'dawk il-pajjiżi matul l-2021

2022/0337 (BUD)

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u Spanja wara diżastri naturali li seħħew f'dawk il-pajjiżi matul l-2021

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda², u b'mod partikolari l-punt 10 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni ttrispjond b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza sabiex tintwera solidarjetà mal-popolazzjonijiet tar-reġjuni milquta minn diżastri naturali reġjonali jew minn emerġenza maġġuri tas-saħħa pubblika.

¹ ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

² ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

- (2) Il-Fond ma għandux jaqbeż il-limiti massimi kif stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093¹.
- (3) Fl-1 ta' Ottubru 2021, il-Ġermanja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara l-għargħar f'Lulju 2021.
- (4) Fl-1 ta' Ottubru 2021, il-Belġju ppreżenta applikazzjoni biex jimmobilizza l-Fond, wara l-għargħar f'Lulju 2021.
- (5) Fl-1 ta' Ottubru 2021, in-Netherlands ippreżentaw applikazzjoni biex jimmobilizzaw il-Fond, wara l-għargħar f'Lulju 2021.
- (6) Fl-5 ta' Ottubru 2021, l-Awstrija ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara l-għargħar f'Lulju 2021.
- (7) Fis-6 ta' Ottubru 2021, il-Lussemburgu ppreżenta applikazzjoni biex jimmobilizza l-Fond, wara l-għargħar f'Lulju 2021.
- (8) Fit-3 ta' Diċembru 2021, Spanja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara l-iżbroff tal-vulkan fuq il-gżira ta' La Palma fid-19 ta' Settembru 2021. Fit-22 ta' Marzu 2022, Spanja ppreżentat aġġornament tal-applikazzjoni.
- (9) Fis-16 ta' Diċembru 2021, il-Greċja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara t-terremot fi Kreta fis-27 ta' Settembru 2021.
- (10) L-applikazzjonijiet imsemmijin hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002.
- (11) Għalhekk jenħtieġ li l-Fond jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lill-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u Spanja.
- (12) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed biex jiġi mobilizzat il-Fond, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

¹ Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2021, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi mobilizzat kif ġej f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament fir-rigward ta' diżastri naturali:

- (a) l-ammont ta' EUR 612 611 256 għandu jiġi pprovdut lill-Ġermanja fir-rigward tal-għargħar tal-2021;
- (b) l-ammont ta' EUR 87 737 427 għandu jiġi pprovdut lill-Belġju fir-rigward tal-għargħar tal-2021;
- (c) l-ammont ta' EUR 4 713 027 għandu jiġi pprovdut lin-Netherlands fir-rigward tal-għargħar tal-2021;
- (d) l-ammont ta' EUR 797 520 għandu jiġi pprovdut lill-Awstrija fir-rigward tal-għargħar tal-2021;
- (e) l-ammont ta' EUR 1 822 056 għandu jiġi pprovdut lil-Lussemburgu fir-rigward tal-għargħar tal-2021;
- (f) l-ammont ta' EUR 9 449 589 għandu jiġi pprovdut lil Spanja fir-rigward tal-iżbroff tal-vulkan f'La Palma;
- (g) l-ammont ta' EUR 1 351 886 għandu jiġi pprovdut lil-Greċja fir-rigward tat-terremot fi Kreta.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika minn ... [*id-data tal-adozzjoni tagħha*]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

****** *Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.*